**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 15 ta' Settembru 2021**

**Talba Nru: 320/20 CZ**

**Camilleri Paris Mode Limited (C16536)**
**vs.**

**Rachel Vella**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici prezentata fil-11 ta' Dicembru 2020 li biha premettiet:

Is-socjeta' attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-intimata thallas l-istess rikorrenti l-ammont ta' €801.15 rapprezentanti bejgh ta' materjal li hi xtrat minghand ir-rikorrenti u li gie konsenjat lilha fuq ordni taghha stess.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tas-7 t'Ottubru 2020 (1938/20).

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta fid-9 ta' Frar 2021 li biha eccepiet:

1. Illi l-intimata qatt ma giet debitament interpellata qabel il-vertenza odjerna.
2. Illi l-intimata hallset a saldu lis-socjeta' Camilleri Paris Mode kull bilanc li kien dovut liha.
3. Illi, sussegwentement, l-intimata ma xtratx izjed materjal minghand is-socjeta' rikorrenti.
4. Illi l-avviz intavolat mis-socjeta' rikorrenti jonqos milli jipprezenta dokumenti, inkluz fatturi, in sostenn tal-pretensjoni tar-rikorrenti, u mhux spjegat kif ir-rikorrenti waslet ghal dik is-somma.

Ghalhekk l-intimata tirriserva li tirrispondi ulterjorment una volta li s-socjeta' rikorrenti tipprovdi dokumentazzjoni in sostenn tas-somma ta' €801.15.

Sema' x-xiehda ta' Mark Camilleri[1] u l-konvenuta[2].

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni.

[1] Fol. 13
[2] Fol. 34

Ra illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra:

Illi l-konvenuta xtrat xi drappijiet minghand is-socjeta' attrici, li ghalihom kienet harget stima qabel il-bejgh, datata 18 t'Ottubru 2019.

Illi fit-12 ta' Dicembru 2019 dawn id-drappijiet gew konsenjati lill-konvenuta, izda minhabba difett tekniku fis-sistema komputerizzata tal-bejgh tas-socjeta' attrici, kien hemm drapp minnhom, u cioe' dak tal-ghamla Beauvillain Galon 80 3482 illi ma ddahhalx fil-kont finali, u ghalkemm jidher fuq l-istess kont, il-prezz rispettiv ghalih gie indikat bhala zero.

Illi x-xhud Mark Camilleri xehed illi dan effettivament kien zball, u fit-2 ta' Marzu 2020, harget invoice ohra lill-konvenuta, fejn intalbet thallas is-somma ta' tmin mija u Euro u hmistax-il centezmu (€801.15) ghad-drapp fuq imsemmi.

Illi l-konvenuta xehdet illi hija kienet hallset l-ammont kollu skond il-fattura li pprezentawlha s-socjeta' attrici, u kienet rat li l-ammont finali mitlub kien stramb u ghalhekk staqsiet lil impjegata tas-socjeta' attrici jekk kellhiex taghti iktar, u din wegbitha li ma kellhiex taghti iktar. Sa dan il-punt, il-konvenuta kellha diga' f'idejha l-fattura dettaljata, bil-prezz individwali ghal kull drapp differenti, inkluz il-prezz ta' zero ghad-drapp in kwestjoni f'din il-kawza.

Illi s-socjeta' attrici u l-konvenuta kkorrispondew b'e-mails, u dan wara li gie skopert l-izball fis-sistema tas-socjeta' attrici, u filwaqt li din tal-ahhar insistiet ghall-hlas tal-ammont, il-konvenuta min-naha l-ohra naqset li thallas ghaliex skond hi kienet hallset kull ma talbuha fil-fattura li tawha, u hallset minnufih.

Illi dak li qed issostni l-konvenuta għalhekk, essenzjalment, u anke skond it-tieni eccezzjoni tagħha, huwa illi dak li ħallset fil-ħlas li għamlet f'Diċembru 2019 kien ħlas għas-saldu, u qed tibbaża ruħha f'dan ir-rigward fuq il-fatt illi kien hemm impjegata mis-soċjeta' attriċi li qaltilha li ma kellhiex tħallas iktar.

Illi t-Tribunal jirrileva pero' illi din l-eċċezzjoni ma tregix. Il-konvenuta kellha f'idejha fattura li turi li d-drapp in kwestjoni kien qed jiġi l-prezz ta' zero fil-ħin ta-ħlas. Il-konvenuta xehdet ukoll illi kienet eżaminat il-kont li ngħatat, tant illi staqsiet lil impjegata jekk kellhiex tħallas iktar. Iktar tard, izda, il-konvenuta xehdet illi rat il-kont sħiħ, u ma qagħditx tara l-prezz ta' kull drapp individwali. Din fiha nfisha hija inkosistenza da parti tal-konvenuta. Għalkemm mhuwiex ideali li jsir żball ta' din ix-xorta, it-Tribunal jifhem illi dan kien prezz dovut għal materjal li effettivament ittieħed, u għalhekk il-konvenuta ma setgħetx targumenta illi ma riditx tħallsu sempliċement għax kienu talbuha ammont inqas fil-fattura, meta kien evidenti mill-bidu li fil-fattura kien hemm żball, u ħadd ma kien indikalha b'xi mod li kien qed isir xi skont, jew li dak id-drapp kien ha jingħata b'xejn.

Illi għalhekk ladarba l-partijiet kienu qablu fuq il-materjal li kellu jiġi konsenjat, u ladarba dan ġie konsenjat, kif ikkonfermat il-konvenuta, u ladarba wkoll kienu qablu fuq il-prezz, l-ammont mitlub fil-kawża huwa b'mod ċar dovut lis-soċjeta' attriċi.

Illi rigwad l-imgħax, it-Tribunal sejjer iqis li l-ammont intalab l-ewwel darba b'mod formali lill-konvenuta permezz tal-fattura tat-2 ta' Marzu 2020, u għalhekk l-imgħax għandu jibda għaddej minn din id-data.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi, u jordna għalhekk

lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmin mija u Euro u hmistax-il centezmu (€801.15), bl-imghax mit-2 ta' Marzu 2020 sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez u drittijiet kif mitluba ghandhom jithallsu mill-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Ġudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Reġistratur